Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 303/2005/1

**Elwira Maria Opatecka**

**v.**

**Andrew Francis Ciantar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2005 illi permezz tieghu r-rikorrenti, wara illi ippremettiet illi fit-22 ta' Ottubru, 2004 il-Qorti Distrettwali

ta’ Varsavja fil-Polonja kkundannat, permezz ta’ sentenza (kopja annessa, b’traduzzjoni taghha, Dok A) lill-intimat, ta’ cittadinanza Maltija u residenti Malta, sabiex ihallas lil martu, ir-rikorrenti, cittadina pollak(k)a, bhala manteniment, is-somma ta’ elf u hames mija *zloty* Polak, ekwivalenti ghal *circa* mija u erba u hamsin lira Maltin (Lm154), fix-xahar, ghall-perjodu bejn l-14 ta’ Marzu tas-sena 2000 u d-9 ta’ Settembru 2003; illi sal-lum il-manteniment hawn fuq imsemmi ghadu ma thallasx; illi peress illi r-rikorrenti hija cittadina Po(l)ak(k)a u ghalhekk cittadina ta’ l-Unjoni Ewropeja; talbet lil dik il-Qorti sabiex tirrikonoxxi s-sentenza annessa u tiddikjara illi hija infurzabbli u dan skond ir-Regolament ta’ l-Unjoni Ewropeja numru 44/2001 u dan kif amendat (*sic*) minn Regolament ta’ l-Unjoni Ewropeja numru 1496/2002; mar-rikors hemm anness ukoll ic-certifikat mill-Qorti ta’ Varsavja, Dok B, kif mehtieg minn Artikoli 54 u 58 tar-Regolamenti fuq imsemmija; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi permezz taghha issottometta:
Illi huwa ferm sorpriz bil-fatt li l-Qorti Distrettwali ta’ Varsavja fil-Polonja, ikkundannatu permezz tas-sentenza odjerna (*sic*) moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, 2004 sabiex ihallas manteniment lir-rikorrenti fis-somma ta’ elf u hames mitt (1,500) *zloty* Pollakk, ekwivalenti ghal *circa* mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm154) fix-xahar, ghall-perjodu bejn l-erbatax (14) ta’ Marzu 2002 sad-disa’ (9) ta’ Settembru 2003 u dan *inter alia*, *stante* li fid-disgha (9) ta’ Ottubru, 2003, kien konkluz kuntratt konsenswali ta’ separazzjoni kif awtorizzat mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Dok A);

Illi fil-fehma umli tieghu s-separazzjoni konsenswali kienet konklussiva fis-sens li ma kien hemm l-ebda pendenza bejn il-kontendenti mal-konkluzjoni ta’ l-istess kuntratt;
Illi l-Qorti Distrettwali ta’ Varsavja fil-Polonja kienet ikkommunikata kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni *de quo* u dan ferm qabel ma nghatat is-sentenza mertu ta’ dawn il-proceduri (Dok. B);

Illi huwa evidenti li jirrizulta konflitt bejn il-kuntratt ta' separazzjoni *de quo* u s-sentenza moghtija tnax-il xahar wara l-iffirmar u l-konkluzjoni tas-separazzjoni;

Illi huwa m'ghandux ibati l-konsegwenzi ta' tali konflitt li wara kollox, sehh erroneament mill-Qorti Pollakka;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, huwa umilment talab lil dik il-Qorti sabiex tikkonsidra li tali sentenza mhux inforzabbli fil-konfront tieghu skond dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa;

Rat id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Gunju, 2005 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li s-sentenza moghtija mill-Qorti Distrettwali (Distrett 'Praga') tal-Belt ta' Varsavja, Sezzjoni V tal-Familha u Zghazagh, fir-Repubblika tal-Polonja, fit-22 ta' Ottubru, 2004, fl-Atti tal-Procediment VRC 1032/02 Oz591/02 fl-ismijiet *Elwira Opatecka vs Andrew Francis Ciantar* tigi ezegwita f' Malta b'sehh immedjat ghall-finijiet u effetti kollha tar-Regolament 44/2001;

"Tordna wkoll li, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 42 ta' l-imsemmi Regolament, l-partijiet jigu mgharrfa b'din is-sentenza; u

"Tordna li l-intimat ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura",

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi din hija azzjoni ghall-ezekuzzjoni f'Malta ta' sentenza moghtija minn qorti kompetenti ta' pajjiz iehor ta' l-Unjoni Ewropeja. B'sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti Distrettwali ghal Varsavja, fir-Repubblika tal-Polonja, laqghet it-talba tar-rikorrenti Opatecka u ikkundannat lill-intimat Ciantar ihallasha manteniment bir-rata ta' elf u hames mitt *zloty* (1500zl) fix-xahar b'sehh mill-14 ta' Marzu, 2002 sad-9 ta' Ottubru, 2003. Dik il-qorti waqfet milli tqis talba ohra ghal 500 *zloty* u, filwaqt li ikkundannat lill-intimat ihallas l-ispejjez procedurali, irrendiet l-imsemmija sentenza ezegwibbli. Ir-rikorrenti

issa qeghda titlob li tirrendi l-imsemmija decizjoni ezegwibbli f'Malta fejn jghix l-intimat;

"Illi din l-azzjoni qeghda titressaq bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tar-Regolament Komunitarju 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000 imsejjah '*On Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgments in Civil and Commercial Matters*'. Dan l-istrument legali, sewwasew minhabba li huwa Regolament, illum jaghmel parti mis-sistema tal-ligijiet ta' Malta b'effett dirett;

"Illi l-imsemmi Regolament jissejjes fuq il-htiega ta' ko-operazzjoni f'qasam civili bejn il-qrati tal-pajjizi msiehba fl-Unjoni kif riflessa fil-principji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità msemmija fl-artikolu 5 tat-Trattat li Jwaqqaf il-Komunità Ewropeja (EC), u huwa mahsub li jilhaq il-minimu mahtieg biex jinkisbu l-imsemmija ghanijiet. Ir-Regolament jilhaq l-oqsma kollha ewlenin ta' kwestjonijiet ta' xejra civili jew kummercjali, ghajr l-oqsma espressament eskluzi;

"Illi huwa xieraq li jissemma wkoll li l-hsieb wara dan ir-Regolament huwa dak li sentenza moghtija minn qorti ta' Stat imsieheb ghandha tinghata gharfien u ezekuzzjoni fi Stat imsieheb iehor, ukoll jekk id-debitur f'dik is-sentenza jkun domiciljat f'art ohra, minkejja li, generalment, il-gurisdizzjoni tissejjes fuq id-domicilju tal-parti mharrka. Mira ewlenija tar-Regolament hija li titnaqqas il-htiega ta' bosta kawzi fuq l-istess haga fi bnadi differenti u titnehha l-possibilità li jinghataw decizjonijiet fuq l-istess kwestjoni li ma jkunux jaqblu bejniethom;

"Illi r-Regolament irid li, fuq il-bazi tal-fiducja reciproka, sentenzi moghtija fi Stat imsieheb jinghataw gharfien awtomatiku bla htiega ta' proceduri ghajr f'kaz ta' kontestazzjoni. B'dan il-mod, ir-Regolament irid li d-dikjarazzjoni li sentenza moghtija minn qorti ta' Stat imsieheb hija ezegwibbli ghandha tinghata kwazi awtomatikament minn qorti ta' Stat imsieheb iehor, fuq il-bazi biss ta' l-ezami tad-dokumentazzjoni preskritta mressqa, u minghajr ma din l-ahhar qorti tista' tqajjem minn rajha r-ragunijiet mahsuba fl-istess Regolament biex

izommu s-sentenza milli tigi ezegwita, u minghajr ma din l-ahhar qorti terga’ tistharreg il-kwestjoni fil-mertu. Minkejja dan, huwa mehtieg li talba ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenza moghtija f’qorti ta’ Stat imsieheb trid tigi notifikata lid-debitur fil-pajjiz fejn jghix, u jinghata jedd ta’ appell minn kull decizjoni li tawtorizza l-ezegwibilità ta’ sentenza bhal dik;

“Illi fi hwejjeg li ghandhom x’jaqsmu ma’ kwestjonijiet ta’ manteniment, persuna domiciljata fi Stat imsieheb tista’ tigi mharrka fil-qrati ta’ l-istat fejn tkun domiciljata l-persuna li tippretendi l-hlas tal-manteniment. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrenti Opatecka hija cittadina tar-Repubblika Polakka minbarra li tghix hemmhekk ukoll;

“Illi, wara li fliet sewwa d-dokumenti mressqa, il-Qorti ssib li r-rikorrenti wettqet kulma huwa mehtieg biex is-sentenza miksuba favuriha kontra l-intimat tista’ u ghandha tigi ezegwita f’Malta;

“Illi jirrizulta li l-procedura ghall-hlas tal-manteniment inbdiet mir-rikorrenti fis-sena 2002. Jirrizulta li, ghal xi zmien (ghalkemm mhux twil), ir-rikorenti u l-intimat kienu zzewgu lil xulxin f’Malta. Jirrizulta wkoll li l-intimat kien gie notifikat kif imiss bl-atti tal-kawza miftuha kontrih u ressaq sottomissjonijiet u kontestazzjoni;

“Illi s-sentenza li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni tat lir-rikorrenti Opatecka dritt ghal arretrati ta’ manteniment minghand l-intimat Ciantar, u dan ghal zmien li jieqaf dakinhar li gie iffirmat il-kuntratt tal-firda personali bejn il-partijiet. Dan ifisser, ghalhekk, li s-sentenza tal-qorti Polakka jidher li hadet qies ta’ l-istess kuntratt, ukoll billi jidher mill-atti li kien l-istess intimat li gibdilha l-attenzjoni ghal dan l-izvilupp fil-kwestjoni li kienet ghaddejja bejnu u r-rikorrenti f’Malta, u sahansitra gharrafha li kien se’ jibda l-process biex jirregistra l-istess kuntratt fil-Polonja;

“Illi l-intimat jghid li l-ftehim milhuq mill-partijiet fil-kuntratt tal-firda personali kien wiehed ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li huma seta’ kellhom fil-konfront ta’ xulxin. Izid jghid li tant dan kien hekk li, wara li gie ffirmat il-

kuntratt, sar qsim ta' kulma kien hemm bhala assi tal-komunjoni. Din is-sottomissjoni hija wahda li tolqot il-mertu u ghalhekk din il-Qorti hija mizmuma, mid-dispozizzjonijiet tar-Regolament u ghall-finijiet tal-procedura prezenti, milli terga' tistharrigha;

"Illi, izda, u dejjem fil-limiti ta' din il-procedura, din il-Qorti ssib li s-sottomissjoni ta' l-intimat ma tistax titqieghed taht xi wahda mir-ragunijiet li biha, skond l-artikolu 34 tar-Regolament, is-sentenza tal-Qorti polakka tista' ma tinghatax gharfien. L-gharef avukat ta' l-intimat ressaq l-argument li s-sentenza miksuba favur ir-rikorrenti fil-Qorti tal-Polonja tikkuntrasta ma' sentenza ohra moghtija fuq kwestjoni bejn l-istess partijiet minn qorti ta' l-istat Imsieheb fejn l-ezekuzzjoni qeghda tintalab. Huwa jghid li l-kuntratt ta' firda personali sar ghaliex qorti Maltija awtorizzat il-pubblikazzjoni tieghu u ghalhekk, ghal kull fini, kuntratt bhala dak ghandu jitqies bhala sentenza. Il-kuntratt gie ippublikat f'Ottubru tal-2003, u ghalhekk qabel ma nghatat is-sentenza li taghha qed tintalab l-ezekuzzjoni. Minbarra dan, izid jghid li, ghad-differenza ta' kuntratti pubblici ohra, l-ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' firda personali moghtija wara awtorizzazzjoni mill-qorti kompetenti ssir awtomatikament malli tintalab. Dan l-argument ma jidhirx li jista' jintlaqa'. Huwa minnu, fil-ligi Maltija, kuntratt u sentenza jitqiesu t-tnejn bhala li huma titoli ezekuttivi, izda kuntratt mhux sentenza u l-ligi taghraf bejn wiehed u l-ohra. Minbarra dan, it-tifsira ta' '*judgment*' fir-Regolament ma tghoddx fiha kuntratt pubbliku, ukoll jekk ippubblikat bis-sahha ta' digriet ta' Qorti. Fil-ligi taghna wkoll, il-kuntratt ippubblikat bis-sahha ta' awtorizzazzjoni moghtija minn Qorti, ma jitqiesx li huwa l-ordni nfisha, tant li jkun jghodd biss safejn ikun gie awtorizzat, u jkun jehtieg ordni iehor jekk ikun mahsub xi bdil iehor fil-kuntratt;

"Illi, b'zieda ma' dan, irid jinghad ukoll li l-kuntratt ta' firda personali li sar bejn ir-rikorrenti (rapprezentata mill-avukat taghha f'Malta) u l-intimat ma jsemmi xejn dwar il-proceduri li kien hemm pendenti fil-Polonja dwar it-talba tal-manteniment. Dawn il-proceduri kienu maghrufa mill-intimat ukoll u kellu kull setgha li jitlob li fil-kuntratt ta' firda

personali tiddahhal klawsola li biha l-kwestjoni gudizzjarja quddiem dik il-Qorti barranija tigi rizolta wkoll b'obbligu ta' cessjoni min-naha tar-rikorrenti jew mod iehor;

"Illi, kif inghad qabel, ghalkemm fil-kopja tas-sentenza mehmuza mar-rikors ma jinghatax taghrif dwar x'kienet it-talba originali tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Polakka, u lanqas ma jinghata taghrif dwar ir-raguni ghala talba ohra taghha ghall-hlas ta' 500 *zloty* ma tqisitx aktar, johrog li s-sentenza li nghatat minn dik il-Qorti ma ssib l-ebda sentenza ohra li tikkonfliggi maghha li zzommha milli tigi ezegwita;

"Illi l-Qorti tikkonstata wkoll li c-certifikat mehtieg ghall-finijiet [ta' l-Artikolu] 54 tar-Regolament jinsab mehmuz mal-kopja tas-sentenza li taghha qeghda tintalab l-esekuzzjoni f'Malta."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-intimat Andrew Francis Ciantar illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi d-decizjoni hawn fuq imsemmija tigi revokata, imhassra u annullata u illi, wara illi jintlaqghu l-aggravji u r-risposta ta' l-appellant, jigu michuda t-talbiet ta' l-appellata kif dedotti fir-rikors bin-numru 303/05, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti appellata illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud u illi d-decizjoni appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut (*sic*) appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-intimat appellant kontra d-decizjoni appellata huma bazikament is-segwenti:

1. Illi r-rikors promotur tal-proceduri odjerni huwa irritu u null ghaliex gie intavolat mir-rikorrenti appellata meta hija kienet assenti minn dawn il-gzejjer;

2. Illi ma hijiex gustifikata c-cahda ta’ l-ewwel Qorti tas-sottomissjoni ta’ l-appellant illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 57):
“… s-sentenza moghtija favur l-appellata fil-Qorti Polakka tikkuntrasta ma’ sentenza ohra moghtija fuq kwistjoni bejn l-istess partijiet minn qorti ta’ l-Istat Imsieheb fejn qeghda tintalab l-ezekuzzjoni, u cioè il-Qorti Maltija”;

3. Illi, dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 58):
“… is-sentenza moghtija mill-Qorti Polakka ma tindikax ir-ragunijiet li ghalihom giet milqugha il-talba ta’ l-appellata quddiem dik l-istess Qorti, bir-rizultat illi tali nuqqas ta’ motivazzjoni jwassal ghall-ksur ta’ principju ta’ gustizzja naturali …”;

Ikkunsidrat:

Illi mhux ser tiehu konjizjoni ulterjuri ta’ l-ewwel (1) aggravju ghaliex l-appellant, permezz tad-difensur tieghu, irtira l-istess aggravju waqt l-udjenzja mizmuma minn dina l-Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Novembru, 2005;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant, huwa utili illi tigi hawn riprodotta s-segwenti silta mid-decizjoni appellata (fol. 52):
“… din il-Qorti ssib li s-sottomissjoni ta’ l-intimat ma tistax titqieghed taht xi wahda mir-ragunijiet li biha, skond l-artikolu 34 tar-Regolament [Komunitarju 44/2001], is-sentenza tal-Qorti polakka tista’ ma tinghatax gharfien. L-gharef avukat ta’ l-intimat ressaq l-argument li s-sentenza miksuba favur ir-rikorrenti fil-Qorti tal-Polonja tikkuntrasta ma’ sentenza ohra moghtija fuq kwestjoni bejn l-istess partijiet minn qorti ta’ l-istat Imsieheb fejn l-ezekuzzjoni qeghda tintalab. Huwa jghid li l-kuntratt ta’ firda personali sar ghaliex qorti Maltija awtorizzat il-

pubblikazzjoni tieghu u ghalhekk, ghal kull fini, kuntratt bhal dak ghandu jitqies bhala sentenza. Il-kuntratt gie ippublikat f'Ottubru tal-2003, u ghalhekk qabel ma nghatat is-sentenza li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni. Minbarra dan, izid jghid li, ghad-differenza ta' kuntratti pubblici ohra, l-ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' firda personali moghtija wara awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti ssir awtomatikament malli tintalab. Dan l-argument ma jidhirx li jista' jintlaqa'. Huwa minnu li, fil-ligi Maltija, kuntratt u sentenza jitqiesu t-tnejn bhala li huma titoli ezekuttivi, izda kuntratt mhux sentenza u l-ligi taghraf bejn wiehed u l-ohra. Minbarra dan, it-tifsira ta' '*judgment*' fir-Regolament [Art. 32] ma tghoddx fiha kuntratt pubbliku, ukoll jekk ippublikat bis-sahha ta' degriet ta' Qorti. Fil-ligi taghna wkoll, il-kuntratt ippublikat bis-sahha ta' awtorizzazzjoni moghtija minn Qorti, ma jitqiesx li huwa l-ordni nfisha, tant li jkun jghodd biss safejn ikun gie awtorizzat …";

Dwar il-parti appena citata mid-decizjoni appellata l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjoni fl-ahhar pagna tar-rikors ta' appell tieghu (fol. 58):
"Illi kif korrettement osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-artikolu 32 tar-Regolament ma jinkludix fid-definizzjoni tal-kelma *judgment*, kuntratt pubbliku. Madanakollu l-istess artikolu jinkludi fit-tifsira ta' l-istess kelma, digriet jew ordni moghtija minn Qorti ta' Stat Membru. Fil-ligi taghna, kuntratt ta' firda personali jista' jigi ppublikat biss, kemm il-darba jinghata [*recte*: tinghata] id-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti, liema awtorizzazzjoni tinghata permezz ta' digriet (Artikolu 35(1) u 59(1) tal-Kap. 16). Fil-fehma umli ta' l-appellant, <u>is-sentenza tal-Qorti Polakka tmur kontra dan id-digriet li permezz tieghu s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, fid-9 ta' Ottubru 2003, awtorizzat il-firda personali tal-partijiet permezz ta' att pubbliku, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-ewwel haga illi ghandha tinghad dwar il-parti sottolineata tas-silta appena citata mir-rikors ta' appell hija illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi giet esebita kopja tad-digriet illi jissemma' fiha. Konsegwentement, id-

determinazzjoni tas-sottomissjoni ta’ l-appellant dwar jekk l-istess digriet jammontax ghal *judgment ai termini* ta’ l-artikolu 32 u ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 34 ta’ l-imsemmi Regolament mhix mehtiega ghall-finijiet ta’ l-aggravju in ezami ghaliex, anke kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, kellu jigi konsidrat illi l-imsemmi digriet jammonta ghal *judgment* skond l-Artikolu 32, fl-istat attwali tal-provi - senjatament fl-assenza ta’ kopja ta’ l-istess digriet - mhux possibbli ghal dina l-Qorti illi tasal ghal konkluzjoni dwar jekk is-sentenza in kwistjoni tal-Qorti tal-Polonja tikkuntrastax ma’ l-imsemmi digriet;

Konsegwentement, dina l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizjoni ulterjuri tat-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju ta’ l-appellant jammonta ghal eccezzjoni illi proceduralment kellha tigi sollevata fl-istadju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, senjatament fir-risposta ta’ l-intimat ghar-rikors promotur. Fil-fatt, ma jirrizultax illi tali eccezzjoni giet sollevata f’dak l-istadju u, konsegwentement, dina l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizjoni ulterjuri tat-tielet (3) aggravju ta’ l-appellant;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell ta’ l-intimat appellant billi tichdu u billi tikkonferma d-decizjoni appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-intimat appellant;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------